MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 896/2009

**Michael Fenech u martu Roberta Fenech**

***Versus***

***Palm Holdings Limited***

1. F’din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu illi l-qorti tħassar dikriet li kienet tat dwar l-esekuzzjoni ta’ sentenza mogħtija f’kawża oħra bejn l-istess partijiet u tgħid illi l-atturi tallum, li kienu konvenuti fil-kawża l-oħra, wettqu dak kollu li kienu kundannati li jagħmlu fis-sentenza mogħtija f’dik il-kawża.

2. Il-fatti seħħew hekk: Kemm l-atturi u kif ukoll il-konvenuta kellhom appartament fl-istess korp ta’ appartamenti u kellhom ukoll sehem mill-partijiet komuni. L-atturi bnew sulari ġodda fuq l-appartament tagħhom u l-konvenuta dehrilha li b’hekk l-atturi naqqsu l-partijiet komuni. Il-konvenuta għalhekk fetħet kawża fl-ismijiet ***Palm Holdings Limited versus*** **Michael u Roberta konjuġi Fenech** (ċitazzjoni numru 1152/2002) biex

iġġiegħel lill-atturi (li għalhek kienu konvenuti f'dik il-kawża l-oħra) jwaqqgħu l-bini ġdid u hekk il-konvenuta tiġi redintegrata fit-tgawdija tal-partijiet komuni.

3. B'sentenza mogħtija minn din il-qorti fil-31 ta' Mejju 2004 u mwettqa mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Ġunju 2007 l-atturi tallum kienu kundannati:

biex fi żmien xahar jirrintegraw lis-soċjetà attriċi fil-pussess sħiħ tal-partijiet komuni imsemmija u *cioè* tat-taraġ, tromba u l-*lift* u dan billi titwaqqa' dik il-parti tal-kostruzzjoni fis-sular immedjatament taħt il-bejt b'mod li titnaqqas l-arja ta' dak is-sular b'mod li dawn il-partijiet isiru kif kienu qabel saru x-xogħlijiet in kwistjoni u jsiru skond id-Dokument BB esebit mill-atturi fejn ġie indikat kif kienu qabel u dan ix-xogħol isir taħt is-superviżjoni tal-A.I.Ċ. David Pace.

4. L-atturi igħidu illi għamlu x-xogħlijiet kollha li ordnatilhom jagħmlu s-sentenza. Is-soċjetà konvenuta, iżda, billi dehrilha li kien hemm "problemi ta' interpretazzjoni tas-sentenza", għax il-perit tekniku maħtur biex jissorvelja x-xogħlijiet iddeċieda illi "t-taraġ eżistenti [kif magħmul mill-atturi tallum] ma għandux jintmiss" waqt illi l-konvenuta riedet illi t-taraġ jerġa' jsir kif kien qabel ma missewh l-atturi, b'rikors tas-6 ta' Frar 2009, talbet illi l-qorti tgħid illi l-interpretazzjoni mogħtija mill-perit tekniku ma kinitx tajba, u illi t-taraġ kellu jisr kif kien qabel ix-xogħlijiet li għamlu l-atturi.

5. Il-qorti, b'dikriet mogħti fl-20 ta' Marzu 2009 fuq dan ir-rikors tas-soċjetà konvenuta, ordnat illi "t-taraġ li jwassal għall-bejt u s-sular ta' taħtu għandu jerġa' jinbena kif kien qabel ma saru x-xogħlijiet in kwistjoni".

6. Din id-darba kienu l-atturi li ma qablux mal-interpretazzjoni, għax qalu illi meta tat id-dikriet tal-20 ta' Marzu 2009 il-qorti "estendiet dak minnha oriġinarjament deċiż fis-sentenza" u għalhekk fetħu l-kawża tallum biex jitolbu illi l-qorti (i) tgħid illi d-dikriet tal-20 ta' Marzu 2009 ma jiswiex u għalhekk tħassru *contrario imperio* u (ii) tgħid illi huma wettqu dak kollu li riedet is-sentenza. Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

7. Is-soċjetà konvenuta wieġbet fis-16 ta' Ottubru 2009 u ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi t-talba għat-tħassir tad-dikriet ma setgħetx issur u ma tiswiex, għax ir-rimedju li kellhom l-atturi kien illi jagħmlu appell mid-dikriet tal-20

ta’ Marzu 2009 “skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta” u mhux illi jmexxu bil-kawża tallum.

8. Billi din l-eċċezzjoni tolqot il-validità tat-talba tal-atturi, tajjeb illi nqisu din l-eċċezzjoni qabel il-meritu tal-kawża.

9. Preżumibilment id-dispożizzjonijet tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li taħthom il-konvenuta tgħid illi l-atturi kien imisshom appellaw mid-dikriet huma dawk tal-art. 229 tal-Kodiċi. L-art. 229, iżda, jirregola dikrieti interlokutorji, *i.e.*dawk illi *post se expectant sententiam*, waqt illi d-dikriet tal-20 ta’ Marzu 2009 ma kienx dikriet interlokutorju u għalhekk ma setax sar appell minnu taħt l-art. 229.

10. L-eċċezzjoni ta’ irritwalità proċedurali hija għalhekk miċħuda u nistgħu ngħaddu biex inqisu l-meritu tat-talbiet.

11. L-interpretazzjoni mogħija mill-perit tekniku illi “t-taraġ ma jintmissx” kienet mibnija fuq il-fatt illi l-perit tekniku fehem illi s-sentenza riedet “illi x-xogħol illi kellu jsir kien fis-sular ta’ taħt il-bejt”. Dan iżda ma huwiex korrett. Li kien limitat biss għas-sular ta’ taħt il-bejt kien it-twaqqigħ; dwar it-taraġ, iżda, is-sentenza riedet illi l-konvenuta tallum tingħata lura “l-pussess sħiħ”, u biex dan isir it-taraġ għandu jsir kif kien qabel ma ntmiss bix-xogħlijiet li għamlu l-atturi. Dwar dan ma hemmx dubju għax is-sentenza riedet illi l-partijiet komuni jsiru kif muri fuq dokument li juri “kif kienu qabel”.

12. Għalhekk, l-interpretazzjoni mogħtija fid-dikriet tal-20 ta’ Marzu 2009 kienet tajba, u t-talba għat-tħassir ta’ dak id-dikriet ma tistax tintlaqa’. Ukoll, safejn l-atturi għadhom ma għamlux it-taraġ kif kien qabel, għadhom ma wettqux is-sentenza, u għalhekk lanqas it-talba biex il-qorti tgħid illi huma wettqu dak kollu li riedet is-sentenza ma tista’ tintlaqa’.

13. Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tiċħad it-talbiet tal-atturi u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------